

Brussell, 6 ta' Frar 2026
(OR. en)

05367/26

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0352(NLE)

ESPACE 8
EEE 4
RECH 15
COMPET 46
IND 25
EU-GNSS 4
TRANS 16
AVIATION 7
MAR 6
TELECOM 15
MI 37
CSC 43
CSCGNSS 4
CSDP/PSDC 33
AELE 5

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal- Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL .../...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja
li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja
fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni
u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura,
u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM
u għas-servizzi governattivi tal- Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...²⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (il-"Ftehim") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Minn perspettiva ġeopolitika, il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u l-aċċess tan-Norveġja għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attur dinji u tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali kif definita fl-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa. Ftehim man-Norveġja ser isaħħaħ il-pożizzjoni strateġika tal-Unjoni li hija objettiv tal-Istrateġija Spazjali tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... dwar l-iffirmar, ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġjali jistabbilixxi r-regoli tal-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 5369/26 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test id-data tal-iffirmar tal-Ftehim fid-dokument ST 5371/26.

(3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura huwa b'dan approvat³.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

³ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*].

* Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Commented [LC1]: There is a different number of footnotes on this page.

Commented [LC2]: There is a different number of footnotes on this page.